Jekk ma tiġix depożitata miegħi (fir-Reġistru ta' l-Artijiet) kawżjoni kontra l-ewwel reġistrazzjoni qabel ma jgħaddu tletin (30) jum minn din id-data, jien nipproċedi billi nirreġistra t-titoli ta' l-art. Fi żmien qasir jinħareġ ċertifikat ta' titolu f'isem l-applikanti msemmija hawn fuq.

Dott. A. Micallef Trigona, LL.D.,
*Reġistratur ta' l-Artijiet*

Il-31 ta' Lulju, 1987

If a caution against first registration is not lodged with me (at the Land Registry) before the expiration of thirty (30) days from the date of this notice, I shall proceed to register the titles to the land. In due course a certificate of title shall be issued in the above-mentioned applicants' names.

Dr A. Micallef Trigona, LL.D.,
*Land Registrar*

31st July, 1987

**Nru. 472**

**KARIGI PENSJONABBLI**

BIS-SAHHA tal-poteri mogħtijin bl-Artiklu 2 ta' l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet (Kapitolu 143), l-Aġent President ta' Malta iddikjara l-postijiet imsemmijin hawn taħt bħala karigi pensjonabbli għal dawk biss li qegħdin jokkupaw din il-kariga b'seħħ mid-data murija ħdejn isimhom.

**No. 472**

**PENSIONABLE POSTS**

IN exercise of the powers conferred by Section 2 of the Pensions Ordinance (Chapter 143), the Acting President of Malta has declared the undermentioned posts to be pensionable offices to the present holders only with effect from the date shown against their names.

| ISEM<br>*NAME* | GRAD<br>*GRADE* | DIPARTIMENT<br>*DEPARTMENT* | DATA<br>*DATE* |
|---|---|---|---|
| Mr John Mary Bonnici | *Labourer* | Xogħlijiet<br>*Works* | 29.7.87 |
| Mr Emanuel Aquilina | *Laboratory Attendant* | Saħħa<br>*Health* | 30.7.87 |

Il-31 ta' Lulju, 1987

31st July, 1987

**Nru. 473**

**REGOLAMENTI TA' L-1975 DWAR L-IRMIĠĠ**

SKOND ir-Regolamenti ta' l-1975 dwar l-Irmiġġ, id-Direttur tal-Portijiet jordna li l-ebda bastiment jew dgħajsa jew inġenji oħra ma jistgħu jirmiġġaw jew ibaħħru f'raġġ ta' mil nawtiku 'l hemm mill-gżira ta' Filfla; l-ebda persuna ma tista' tgħum jew tagħmel attivitajiet b'konnessjoni ma' għads taħt l-ilma u mhux permess li jsir ebda tkarkir, xħit ta' parit, tfigħ ta' ankri u kull attività oħra li għandha x'taqsam mas-sajd jew mod ieħor, kemm-il darba persuni li jagħmlu dawn l-attivitajiet ma jkollhomx permess miksub mid-Dipartiment tal-Portijiet.

Iz-zona ipprojbita hija ġewwa ċirku b'raġġ ta' 1.1 mili nawtiċi li jiċċentra fuq il-*coordinates* li ġejjin: Latitude 35° 47' .37N Longitude 14° 24' .60E.

Il-31 ta' Lulju, 1987

**No. 473**

**BERTHING REGULATIONS 1975**

IN terms of the Berthing Regulations 1975, the Director of Ports directs that within one nautical mile radius off the island of Filfla no vessel or boat or any craft may berth or navigate; no person may swim or carry out activities connected with underwater diving and no trawling, trammelling, dropping of anchors and any other activity connected with fishing or otherwise is permitted, unless persons carrying out such activities are in possession of a permit, obtainable from the Department of Ports.

The prohibited zone is within a circle of radius 1.1 nautical miles centres of the following coordinates — Latitude 35° 47' .37N Longitude 14° 24' .60E.

31st July, 1987